**Kapitlu 3** **Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

**Lezzjoni 3.7: Ejja naħfru lil xulxin!**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jifhmu kemm hu importanti li naħfru lil xulxin.
2. Jagħrfu dik l-imġiba li tagħmel id-dinja aħjar.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint Presentation li tinkludi stampa ta' żewġt itfal jiġġieldu, stampa ta' żewġt itfal jitolbu skuża lil xulxin.
- Slides fil-PPT innifisha li jinkludu sitwazzjonijiet differenti meħuda mill-ħajja ta' kuljum tat-tfal.
- *Whiteboards* żgħar u markers.



**Naqsmu flimkien:**

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal: *"Qatt iġġilidt jew weġġajt lil xi ħadd? Kif ħassejtek? Xtaqt li jaħfrulek dak li għamilt?"*
- Iddiskuti l-ħsibijiet tat-tfal flimkien magħhom.
- Permezz ta' mistoqsijiet diretti wassalhom biex jifhmu kemm meta nġibu ruħna ħażin dejjem infittxu li nitolbu skuża u maħfra.
- Issa staqsi lit-tfal biex jaħsbu f'xi darba meta xi ħadd għamel xi azzjoni ħażina lilhom u kienu huma li kellhom jiddeċiedu jaħfrux.
- Staqsi "Kif taħfer?"



**Nisimgħu flimkien:**

- Spjega l-importanza li naħfru lil xulxin sabiex inkunu nistgħu nkomplu ngħixu kuntenti flimkien, magħqudin bħal aħwa li jħobbu lil xulxin.
- Uri l-PPT presentation filwaqt li tirrakkonta storja qasira biex tispjega dak li qed iseħħ fl-istampi.
- Uża ħafna aġġettivi biex tagħmel distinzjoni bejn kif ħassewhom it-tfal meta ġġieldu u kif ħasssewhom wara li ħafru lil xulxin u reġgħu saru ħbieb bħal qabel.

- Permezz t'hekk it-tfal mistennija jagħrfu kemm il-maħfra ġġib paċi u ferħ fostna l-bnedmin.



**Nikbru flimkien:**

- Sabiex it-tfal jitgħallmu u jibqgħu jiftakru l-ħtieġa u l-qawwa tal-maħfra, sejjaħ żewġt itfal biex jiġu fuq quddiem tal-klassi.
- Spjega kif huma mistennija jimmaġinaw li huma l-karattri li se turihom fuq il-PPT u għalhekk iridu jirreċtaw l-istorja kif ippreżentata lilhom.
- Permezz tal-mistoqsijiet gwida t-tfal kollha tal-klassi mistennija jesperjenzaw xi tfisser tagħmel xi ħaġa li ma kellekx tagħmel u kif għandek titlob maħra kif ukoll taħfer lil ħaddieħor.
- Fakkar li:

➢ Meta jġibu ruħhom ħażin għandhom iħossu l-bżonn li jitolbu skuża.

➢ Meta jaħfru jkomplu jgħixu kuntenti flimkien.




➢ Meta jkunu miġġildin ikunu mdejqin.

➢ Meta jkunu ħbieb ikunu ferħanin.

➢ Il-maħfra tnissel paċi u ferħ fejn ikunu qed jgħixu.

**Nagħżlu flimkien:**

- Itlob lit-tfal biex joħorġu l-*whiteboards* u l-markers tagħhom.
- Spjega kif huma mistennija jaħdmu flimkien f'pari billi darba kull wieħed jiktbu l-kelma dnub fuq il-whiteboard tagħhom.
- Huma għandhom jimmaġinaw li għadhom kif iġġieldu bejniethom u għalhekk mistennija jitolbu maħfra lil xulxin.
- Filwaqt li l-ewwel student mistenni jippreżenta l-*whiteboard* tiegħu lil persuna ta' ħdejh u jgħid "Jekk jogħġbok aħfirli", l-istudent l-ieħor mistenni jħassar il-kelma *dnub* minn fuq il-*whiteboard*.
- Spjega kif daqshekk għandu jkun faċli għalina li naħrfu lil xulxin. .
- Irridu nitkellmu bil-mod ma' xulxin u naraw fuqiex ma naqblux.



**Nitolbu:**

- Ħeġġeġ lit-tfal biex jaħsbu fid-drabi meta għamlu xi azzjoni li ma tantx kienet xierqa sabiex il-Mulej jaħfrilhom bħal ma għamlu sħabhom stess magħhom.

❖ Ħeġġiġhom ukoll biex jitolbu lill-Mulej sabiex jagħtihom is-setgħa li jkunu kapaċi jaħfru lil min jonqoshom f'xi ħaġa. (F'każ li dan huwa diffiċli għat-tfal, kun int stess li toħloq it-talba sabiex it-tfal jirrepetu warajk u jitolbu flimkien miegħek).

